MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

## GUDIKATUR DR.

## YANA MICALLEF STAFRACE

Seduta tal-21 ta' Mejju, 2015

Talba Numru. 378/2013

**Johnie Franknlin Vella K.I. Nru:195106L**
**Theresa Pia Vella K.I. Nru: 0424735M**

**vs**

**Diego Fenech K.I. 887554M**
**Paul Giordimaina K.I. 700160M**

**It-Tribunal,**

I PRELIMINARI

**Ra** li f'dan l-AVVIZ ir-Rikorrenti qed jitolbu li l-Intimati jigu kundannati *in solidum* biex ihallsuhom elfejn u hames mitt Ewro (€2,500.00c) (jew somma verjuri) bhala danni minnhom kagunati fil-fondi tal-Atturi, f'San Pawl il-Bahar, Flat 28/2 u fil-fond 22, it-tnejn fi Triq il-Knisja.

B'RISPOSTA ntqal hekk:-

1. It-Talba ghandha tigi michuda ghax l-ecipjenti ma kkagunaw ebda danni.
2. Jekk jirrizultaw danni dawn graw b'nuqqas tar-Rikorrenti.
3. Ir-Rikorrenti iridu jressqu prova dwar id-danni allegati.

4. Il-kawza saret inutilment u dan ifisser li l-Intimati m'ghandhomx ibatu spejjes gudizzjarji billi l-istess Intimati qatt ma gew interpellati biex jersqu ghall-hlas tad-danni allegati.

II PROVI

1. Hawn qed jingiebu biss siltiet mill-provi li jridu jitqiesu flimkien ma dak kkollu li tressaq quddiem it-TRIBUNAL u li jinsab fil-process. Inkluzi l-ghadd ta' dokumenti.

2. **Johnie Frankly Vella**, Rikorrent jghix il-Kanada izda jigi spiss Malta fejn ommu tghix fi Flat 2, 22 Triq il-Knisja waqt li hu jghix fi Flat 2/28 fl-istess triq bil-fondi jmissu ma xulxin. F'Novembru 2012 ra li kienu qed isiru xoghlijiet f'fond fuq il-flat tieghu, propjeta' tal-intimat Giordimaina li ghalihom qabbad lill-Intimat Fenech. Fit-12 tax-xahar sab lil Diego Fenech fil-flat tieghu u "my flat was forcefully entered into without my consent, prior notice or even knowledge".

3. Ir-Rikorrent ta dettalji tal-hsara li saret fil-propjeta' tieghu, fl-assenza tieghu. Ara affidavit *a fol* 15/16. Meta kkonfronta lill-Intimat Fenech (u rrgistra fuq *video-tape*) dan qallu, b'riferenza ghall-Intimat Giordimaina li "il-bicca kienet bejnietna t-tnejn". Sar rapport lill-Pulizija u z-zewg Intimati instabu, fuq ammissjon, hatja ta' vjolazzjoni u hsara volontarja ta' propjeta (Dok GV1 *a fol* 17).

4. Il-hsara giet ezaminata mill-AIC Robert Fenech li ha ritratti u hejja rapport (Dok RF, *fol* 16), anke dwar il-parti t'ommu. Il-hsara hi ta' €2,000.00c.

5. In kontro-ezami qal li qabel beda l-kawza ma baghtx ittra lill-Intimati. Semma li meta fil-kawza kriminali d-difensur tar-Rikorrenti specifikatament staqsiet lill-Intimat Giordimaina kienx lest ihallas tad-danni, minkejja l-ammissjoni, wiegeb li ma kienx hemm danni.

6. **Il-Perit Robert Fenech** xehed li hu ezamina l-fondi tar-Rikorrenti u fir-rigward hareg ir-Rapport Dok A (*fol* 23) u ritratti (Dok A-Z u ZA sa ZF (*fol* 24 *et seq*).

7. **L-Atturi** esibew b'Nota dettalji tal-*quantum* pretiz – Dok RM1, 2, 3 u 4.

8. **L-Intimat Paul Giodimania** xehed b'affidavit (*fol* 65/66) u semma li hu qabbad lill-Intimat l-iehor biex jaghmillu x-xoghlijiet li kellu bzonn fir-residenza tieghu 28 Flat 3, Triq il-Knisja, San Pawl il-Bahar. Qal li hadu l-prekawzjonijiet kollha biex ma ssir ebda hsara lill-propjeta tar-Rikorrenti. Qal li jaf li kien ghamel hsarat zghar fil-propjeta ta' JF Vella izda dawn zgur ma kienux jammontaw ghal €2500. Qatt ma pprova jahrab mir-responsabilta' u ghalhek ma kkontestax l-akkuzi.

9. **B'enfasi** qal li hu qatt ma gie avvicinat izda sab ma wiccu kawza u mandat ta' sekwestru. Kienet saret maltempata u r-Rikorrent kien gab lil xihadd izarma armar li kien hadu mal-propjeta tieghu.

10. **L-Intimat Diego Fenech** fl-affidavit tieghu (*fol* 67) tenna fis-sustanza dak li qal Giordimaina izda ta aktar dettalji dwar xi armar tieghu li qala r-Rikorrent u li ma hallewhx jiehu lura minkejja l-valur sostanzjali tieghu.

III KONSIDERAZZJONIJIET

1. It-TRIBUNAL iqis li l-*buon vicinat* jitlob koperazzjoni bejn girien, b'dana li xi ftit tal-inkonvenjenza dak li jkun jissaportiha, imma mhux li jgarrab hsarat fil-propjeta' tieghu. Fuq kollox wiehed m'ghandux jaqbad u jidhol fil-propjeta' ta' haddiehor bla ma dan tal-ahhar ikollu preavviz u jati l-kunsens tieghu. Fil-kaz taht ezami ghandna sid li joqghod il-Kanada izda jkun ghadd ta' drabi Malta kull sena u ommu toqghod fil-qrib u din hi residenti Malta. Meta l-affarijiet bejn girien jibdew hazin, ma jkunx awguru tajjeb.

2. Fil-kaz taht ezami hu pruvat li hsara saret u saret mill-Intimati. Apparti l-ammissjoni fil-proceduri kriminali, l-Intimat Giordimaina qal, *expressis verbis* "hsarat zghar" izda xejn aktar dettalji.

3. Issemma xi armar ta' Diego Fenech li r-Rikorrent ghadu jzomm u li s-sid jatih valur sostanzjali. It-TRIBUNAL m'ghandux quddiemu dal-kaz, u fir-rigward jista biss izomm riserva.

4. Dwar spejjes, hawn it-TRIBUNAL iqis, anke gwidat minn linji ta' ekwita', li r-Rikorrenti ghaggel wisq li ntavola l-kawza qabel ma nterpella lill-Intimati formalment ghall-hlas. Anke rrikorra ghal mandat ta' sekwestru preventiv. Dil-mizura mhiex qieghda hemm biex tigi applikata leggerment izda bhala prekawzjoni u serhan ir-ras **mehtiega tassew** f'kaz ta' ezitu favur min jitlob il-hrug ta' dal-mandat. Mill-bqija tkun qed tghabbi b'pisijiet zejda lil debitur potenzjali.

5. Dwar *quantum* mitlub, it-TRIBUNAL hu soddisfatt li r-Rikorrenti ressqu provi accettabbli.

IV DECIZJONI

It-TRIBUNAL wara li qies dak kollu migjub haw fuq u wara li qies is-sottomissjonijiet tad-difensuri jiddeciedi billi (1) **jichad** l-eccezzjonijiet tal-Intimati (2) **jilqa** t-Talba tar-Rikorrenti (hlief dwar spejjes kif ser jinghad) (3) **jikkundanna** lill-Intimati biex ihallsu lir-Rikorrenti l-*quantum* mitlub ta' elfejn u hames mitt Ewro (€2,500.00c) liema hlas ghandu jsir fi zmien tletin jum mil-lum u f'kaz ta' nuqqas jibda ghaddej l-imghax **mil-lum stess** sal-jum tal-pagament effettiv u (4) fir-rigward

tal-ispejjes tal-kawza u dawk tal-mandat ta' sekwestru **jordna** li dawn jibqghu bla taxxa bejn il-kontendenti.

## < Sentenza Finali >

---------------------------------TMIEM---------------------------------